MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 108/2009

**Valhmor Borg Import Export Limited (C3062)**

**vs**

**Bay Catering Company Limited**
**u**
**Dr. Clarence Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tal-intimati ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' hamest elef, mija u sebghin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€5,170.83) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum lilhom mibjugh u kkonsenjat, kif ukoll ihallsu l-imghaxijiet legali dekorribbli mit-22 ta' Ottubru tas-sena 2008 sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Frar tas-sena 2009, tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konessjoni mad-

drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, u bl-intimati solidalment ngunti ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ rikorrenti sabiex l-intimati jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment l-intimati naqsu u ma dehrux, la fis-17 ta’ Gunju tas-sena 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti u tikkundanna lill-intimati Bay Catering Company Limited u Dr. Clarence Busuttil sabiex ihallsu s-somma ta’ hamest elef mija u sebghin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€5,170.83) lis-socjeta’ Valhmor Borg Import Export Limited;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------